# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 30 ta' Ġunju, 2016**

**Kawza Nru. 64**

**Rik. Nru. 831/2009 JRM**

Malcolm **CUMBO**

vs

**MALTA FREEPORT TERMINALS LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta' Awwissu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti ssib li (i) l-kumpannija mħarrka hija waħedha responsabbli għall-inċident illi ġara fit-2 ta' Awwissu, 2007 waqt il-ħin tax-xogħol tiegħu ġewwa l-Freeport f'Kalafrana, meta ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux waqt li kien iwettaq ix-xogħol li ntalab jagħmel; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnu, jekk meħtieġ permezz ta' Perit minnha maħtur, f'dak l-inċident; u (iii) tordna li

l-kumpannija mħarrka tħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Settembru, 2009[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-6 ta' Ottubru, 2009, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi ċaħdet ir-responsabilta' għall-inċident u għaldaqstant għall-ħlas tad-danni mitluba;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-19 ta' Ottubru, 2009[2], li biħ ħatret lill-kirurgu Ivan Esposito bħala perit mediku biex jeżamina lill-attur u jgħid jekk ġarrabx tassew ġrieħi u ħsara li ma jgħaddux, u lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet u li bih tat ukoll żmien lill-attur biex iressaq ix-xhieda tiegħu bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Novembru, 2010[3], li bih ħatret lill-kirurgu Massimo Abela bħala perit mediku minflok il-kirurgu Esposito;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Jannar, 2011, li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-24 ta' Novembru 2010, awtoriżżatu jieħu ritratti minn ġewwa l-Freeport Terminals bil-għan li jispjega kif ġara l-inċident[4];

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit mediku fid-19 ta' Mejju, 2011[5], u minnu maħluf kif imiss fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili fit-23 ta' Ġunju, 2011;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Ottubru, 2011[6], li bih u fuq talba magħmula mill-attur waqt dak is-smigħ, ħatret lill-kirurgi Charles Grixti, Carmel Sciberras u Ray Gatt bħala esperti mediċi addizzjonali, u b'degriet tal-25 ta' Ottubru, 2011[7], dan tal-aħħar inbidel bil-kirurgu Jason Żammit, wara talba li saret mill-attur b'rikors tiegħu tal-24 ta' Ottubru, 2011;

---

[1] Paġ 5 tal-proċess
[2] Paġġ. 42 tal-proċess
[3] Paġ. 66 tal-proċess
[4] Paġ. 71 tal-proċess
[5] Paġġ. 98 – 102 tal-proċess
[6] Paġ. 104 tal-proċess
[7] Paġ. 111 tal-proċess

Rat ir-Rapport imressaq mill-periti mediċi addizzjonali fil-5 ta' Jannar, 2012[8] u minnhom maħluf kif imiss fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili sat-18 ta' Mejju, 2012;

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[9], li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2014[10] li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-2 ta' Frar, 2015[11];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tal-15 ta' Ottubru, 2015[12], bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015[13] li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur jaħdem mal-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Freeport"). Huwa jgħid li korra fuq nuqqas min-naħa ta' operatur li jaħdem mal-Freeport fil-ħin meta l-attur kien qiegħed fuq xogħolu. Huwa jgħid illi l-Freeport taħti għal dak li ġralu għaliex naqset li tara li jkun qed jaħdem f'ambjent ħieles mill-periklu, li tissorvelja l-ambjent kif meħtieġ, kif ukoll li tipprovdi tagħmir lill-ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fuq makkinarju differenti, iżda fuq l-istess xogħol, biex seta' jiġi evitat dan l-inċident;

[8] Paġġ. 126 – 130 tal-proċess
[9] Paġġ. 159 – 160 tal-proċess
[10] Paġ. 179 tal-proċess
[11] Paġġ. 180 – 7 tal-proċess
[12] Paġġ. 192 – 5 tal-proċess
[13] Paġ. 196 tal-proċess

Illi billi l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux, talab li l-Freeport tikkumpensah għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*'), l-aktar għaliex b'riżultat ta' l-inċident, ma jistax jagħmel l-istess attivitajiet li kien jagħmel qabel;

Illi għal din l-azzjoni, il-Freeport laqgħet billi qalet li hija ma taħtix għal dak li ġara lill-attur. Qalet li l-operatur imqabbad minnha huwa bniedem ta' ħila u l-makkinarju provdut lill-attur kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Hija tgħid illi imgħallem, fejn tidħol sorveljanza fuq il-post tax-xogħol u f'li jipprovdi ambjent ħieles mill-periklu, m'għandux obbligi ogħla minn dak ta' *bonus paterfamilias*, għaldaqstant ġaladarba hija pprovdiethom, m'għandhiex ħtija għal dak li seta' ġara lill-attur;

Illi bħala **fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża** jirriżulta li l-attur twieled f'April tas-sena 1982 u li meta ġara l-inċident kellu l-eta' ta' ħamsa u għoxrin sena[14]. Dakinhar li ġara l-inċident huwa kien jaħdem bħala '*casual port worker*'[15] fix-xogħol ta' '*tug driver*' (jiġifieri sewwieq tat-trakkijiet) u kien ilu li daħal jaħdem mal-Freeport minn Mejju tal-2007[16]. L-attur għadu jaħdem mal-Freeport , u ma għadux ħaddiem każwali iżda ngħata liċenzja ta' burdnar. In-numru tal-liċenzja ma jinbidilx mal-bidla tal-grad tal-ħaddiem li jkun tul iż-żmien tal-ingaġġ tiegħu mal-Freeport[17];

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur jgħid li kien liebes '*safety shoes*', u li l-Freeport kienet tathom struzzjonijiet illi, waqt li jkunu fit-trakk, ma kienx meħtieġ li jxiddu l-*helmet* u *highlighted vest* għaliex it-trakk innifsu kien jipproteġihom[18];

Illi għal ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu tat-2 ta' Awwissu, 2007, l-attur kien xogħol ta' bil-lejl[19] ġewwa l-Freeport. Huwa ntalab biex jiġbor żewġ *containers* ta' l-għoxrin minn *stack* B071. Il-proċedura li kellha tiġi segwita kienet li s-sewwieq tat-*tug* isib postu fil-linja, bl-operatur tal-krejn (RTG) iniżżel il-*container* qrib it-*trailer* tat-*tug* ftit ogħla mit-*trailer* sabiex is-sewwieq jara li t-*trailer* tat-*tug* qiegħed fil-qagħda t-tajba biex jista' jitniżżel il-*container* fuqu u jitgħabba bih. It-*trailer* li bih kien qed jaħdem l-attur kien jiflaħ iġorr żewġ *containers* tal-għoxrin bil-qies[20];

---

[14] Dawn id-dettalji joħorġu mid-dokument immarkat bħala Dok. "MC10" f'paġ. 21 tal-proċess
[15] Affidavit tal-attur immarkat bħala Dok. "MCA" f'paġ. 30 tal-proċess
[16] *Ibid.*
[17] Xhieda ta' Jude Bonniċi f'paġ. 153 tal-proċess
[18] Affidavit tal-attur immarkat bhala Dok.. "MCA" f'paġ. 30 tal-proċess
[19] Minn nofs il-lejl tal-ġurnata ta' qabel sat-tmienja ta l-għada filgħodu
[20] Affidavit tal-attur immarkat bħala Dok. "MCA" f'paġ. 30 tal-proċess. Ara wkoll ritratti (Dok. 1 – 19) u t-tifsira mogħtija għalihom f'paġġ. 75 – 83 tal-proċess

Illi dak in-nhar tal-inċident, l-attur jgħid illi l-operatur tal-RTG – wieħed Antoine Cassar – niżżel il-*container* mingħajr ma tah ċans jara li t-*trailer* kien qiegħed f'postu. Il-*container* spiċċa 'l barra mill-karru tat-*trailer* meta kellu jkun aktar 'il ġewwa sabiex titħalla l-wisgħa meħtieġa ħalli jkollu fejn jitqiegħed it-tieni *container*. Meta l-operatur ra dan, huwa pprova jsewwi l-iżball tiegħu billi jqabbad il-parti ta' quddiem tat-tieni *container* mal-*corner pockets* tat-*trailer* bit-tama li jingaljah eżatt fuq quddiem tal-kontejner l-ieħor li kien diġa' tqiegħed fuq in-naħa ta' wara tat-*trailer*. L-operatur tal-krejn ta diversi tisbitiet biex il-*container* jidhol kexxun f'postu. Sadattant, l-attur kien bilqiegda fil-kabina tat-*tug* biex jimmanuvrah kif meħtieġ. Iżda, ma' kull tisbita l-attur beda jogħla 'l fuq fis-*seat*[21] tiegħu. Ma' l-aħħar tisbita, it-tieni *container* li kien qiegħed jitniżżel inqaras mal-ieħor li kien tniżżel qablu. Bl-iskoss, l-attur għola 'l fuq, ħabat rasu mas-saqaf tal-kabina u sidru mal-i*steering wheel* tat-*tug*, u spiċċa bejn id-*dashbord* u s-*seat*. Huwa waqa' mis-*seat* darbtejn u ħass uġiegħ f'dahru, spallejh u f'sidru;

Illi l-operatur Cassar ma ntebah b'xejn x'kien qed jiġrilu l-attur u baqa' sa żmien twil wara (meta kellmuh uffiċjali tal-Freeport) ma jafx bl-inċident[22];

Illi l-attur jgħid illi huwa ma setax iwaqqaf mill-operatur milli kien qed jagħmel għaliex l-Freeport ma tipprovdix sistema ta' kif impjegati jikkomunikaw ma' xulxin, tant illi l-operatur lanqas biss intebah b'dak li kien qed iġarrab l-attur[23];

Illi minnufih wara l-inċident, l-attur mar jgħid b'dak li kien ġara lix-*Shift Leader* li bagħtu għand in-*nurse* tal-kumpannija għall-kura[24]. Minn hemm huwa ntbagħat il-poliklinika, u minn hemm ittieħed b'ambulanza l-isptar. L-attur baqa' muġugħ u daħal lura għax-xogħol ġimgħatejn wara l-inċident[25];

Illi f'Ottubru tal-istess sena, l-attur reġa' ħass l-uġigħ f'għonqu u f'dahru. It-tabib tiegħu irreferieh għand speċjalista[26]. Għamel xi żmien jattendi għall-fiżjoterapija[27], u baqa' taħt l-osservazzjoni tal-ispeċjalista[28]. Fuq suġġeriment tiegħu, waqaf milli jmur għax-xogħol u daħal lura f'April tas-sena 2008. F'Lulju tal-istess sena, l-ispeċjalista ħareġ ċertifikat bil-fehma tiegħu dwar saħħet l-attur fuq dak li sablu[29];

---

[21] L-attur jiddeskrivi s-*seat* bħala li kien tal-molol (ara r-ritratt Dok "3" f'paġ. 77 tal-proċess)
[22] Xhieda ta' Jude Bonniċi f'paġġ. 151 – 2 tal-proċess
[23] Affidavit ulterjuri tal-attur f'paġ. 135 tal-proċess
[24] Skond l-*Accident Report* Dok. "A" f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess, jirriżulta li dakinhar l-attur baqa' fuq xogħolu
[25] Affidavit tal-attur immarkat bħala Dok. "MCA" f'paġ. 30 – 1 tal-proċess
[26] Dokti. "MC1" u "MC2" f'paġġ. 33 – 4 tal-proċess
[27] Dok. "MC3" f'paġ. 35 tal-proċess
[28] Dokti. "MC7" u "MC8" f'paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[29] Ċertifikat mediku maħruġ minn Mr Raymond Gatt Dok "MC5" f'paġġ. 37 – 9 tal-proċess

Illi l-qraba ta' l-attur jgħidu li qabel l-inċident l-attur kien attiv b'diversi delizzji li kienu jeħtieġu ħafna ċaqliq, iżda llum kellu jnaqqas ħafna minnhom minħabba li jkun muġugħ[30];

Illi, min-naħa tagħha, il-Freeport tgħid illi mill-informazzjoni li għandha jirriżulta li l-attur, bejn it-8 ta' Ottubru 2007 u l-aħħar ta' April (*recte* Marzu), 2008, daħal xogħol minn tal-anqas sitta u ħamsin (56) darba[31]. Min-naħa l-oħra, jirrizulta li l-attur ma tħallasx paga għall-perjodu bejn 1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu, 2008[32];

Illi jirriżulta li, minbarra li l-attur issa huwa ħaddiem tal-fiss mal-Freeport u ma għadux jaħdem fuq bażi ta' ħaddiem każwali, xogħolu m'għadux marbut mas-sewqan tat-trakkijiet iżda ma' rmonk u ħatt ta' bastimenti[33];

Illi fis-6 ta' Mejju, 2009, l-attur talab lill-Freeport permezz ta' ittra uffiċjali sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' kumpens[34];

Illi fil-25 ta' Awwissu, 2009, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi jirriżulta illi saħħet l-attur ma marritx 'il quddiem mid-data tal-inċident u sa April tal-2012 kien reġa' qagħad għal eżamijiet mediċi oħrajn billi baqa' jilminta mill-uġigħ f'għonqu u fix-xewka ta' dahru[35];

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel **il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali** marbutin mal-każ. L-ewwel ħaġa trid tistħarreġ hija min kien ħati tal-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin mill-Freeport, partikolarment dik li tgħid li l-operatur imqabbad minnha huwa bniedem ta' ħila u li l-makkinarju provdut lill-attur kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni;

Illi bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih. Huwa l-obbligu ta' l-attur li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ

[30] Dokti. "A" sa "D" f'paġġ. 47 – 53 tal-proċess
[31] Xhieda ta' Jude Bonniċi f'paġ. 152 tal-proċess flimkien ma' Dok. "JB1" f'paġġ. 156 – 7 tal-proċess
[32] Dok. "A2" – FSS tas-sena 2009 - f'paġ. 119 tal-proċess. Fuq dan id-dokument, il-perjodu ta' dħul jaqra 01/04/2008 sa 31/12/2008
[33] Ara paġ. 127 tal-proċess
[34] "Dok. MC9" f'paġ. 20 tal-proċess
[35] Dok. "A" f'paġ. 136 anness mal-Affidavit Ulterjuri tal-attur f'paġ. 135 tal-proċess. Ara wkoll ir-Rapport Mediku tal-Periti Addizzjonali f'paġ. 126 – 130 tal-proċess

tiegħu għaliex il-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li l-Freeport naqset li tħaddem sistema tajjeb u xieraq kemm ta' sorveljanza u kif ukoll ta' kontroll biex saħħtu ma titqiegħedx f'periklu waqt li kien qed jaħdem magħha. Huwa jgħid li korra waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel;

Illi min-naħa tagħha, il-Freeport tiddefendi l-każ tagħha fuq żewġ difiżi: l-ewwel waħda li l-operatur imqabbad minnha huwa bniedem ta' ħila u mrawwem sewwa f'xogħlu, u t-tieni waħda li l-makkinarju provdut lill-attur kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Għaldaqstant tisħaq li m'għandhiex ħtija għal dak li seta' ġara lill-attur. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha qanqlet il-kwestjoni li t-tobba esperti fir-rapporti tagħhom ma jgħidux b'ċertezza li l-perċentwali ta' diżabilita' li sabu fl-attur hija marbuta biss mal-inċident;

Illi, għaldaqstant, il-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ **il-kwestjoni tar-responsabbilta'** għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess attur u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa mill-Freeport;

Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabilta' għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[36]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għall-aġir tiegħu mal-ħaddiema tiegħu[37], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll

[36] Art. 1031 tal-Kap 16
[37] Art. 1037 tal-Kap 16

dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[38] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[39];

Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[40]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilha titħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[41];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[42], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[43] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[44]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[45];

Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[46], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[47];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[48], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-

[38] Art. 6(2) tal-Kap 424
[39] Art. 6(3) tal-Kap 424
[40] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[41] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)
[42] Art. 7(1) tal-Kap 424
[43] Art. 7(2) tal-Kap 424
[44] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd*** (mhix appellata)
[45] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.*** (mhix appellata)
[46] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[47] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[48] App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs. Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***

xogħol magħżul, imma saħansittra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, mhux kontestat illi l-attur kien qed jagħmel dak li kien imqabbad li jagħmel mis-superjuri tiegħu, jiġifieri isuq trakk jew tagħmir mekkaniku li fuqu jitgħabbew u jinġarru l-*containers*. Kemm hu hekk, l-inċident seħħ waqt li kien qed isuq *tug*, u waqt ġurnata ta' xogħol bħall-oħrajn, xejn aktar u xejn inqas: bid-differenza, jgħid l-attur, li minflok ma ġiet segwita l-proċedura 'normali' ta' kif jitpoġġa *container* fuq *trailer* li jinġarr mit-*tug*, l-operatur tal-krejn għaġġel u, biex mingħalih isewwi dak li għamel bl-għaġġla, ħabbat il-*container* diversi drabi bit-tama li jċaqilqu ħalli jkun jista' jdeffes it-tieni *container* fil-wisgħa li kien għad fadal. Dan wassal biex l-attur ħa diversi tisbitiet u twaqqa' minn fuq is-*seat* tat-*tug*;

Illi mill-provi ma jirriżultax li l-attur kien liebes b'ilbies protettiv ħlief għal *safety shoes*. L-attur jgħid illi, bħala sewwieq ta' trakk, dak biss kien mistenni minnu li jilbes sabiex iħares mill-periklu ta' korriment. Il-Freeport, min-naħa tagħha, dan ma tlumux lanqas;

Illi, madankollu, l-iżjed element importanti li l-Qorti tqis illi għandha tagħti widen għalih minn dak li jgħid l-attur huwa l-fatt li fuq il-post tax-xogħol, bejnu u bejn l-operatur, ma kienx hemm mezz kif huma setgħu jikkomunikaw ma' xulxin. L-unika mod kif dan seta' jseħħ kien b'użu ta' apparat, li iżda l-Freeport ma tipprovdihx. Għaldaqstant, l-operatur ma setax ikun jaf bin-nuqqas li kien qed jagħmel u l-attur ma setax jikkomunika miegħu biex jiftaħlu għajnejh. Lanqas ma jirriżulta illi, fin-nuqqas ta' dan l-apparat, kien hemm persuna li kienet qiegħda tissorvelja x-xogħol u kif kien qed isir u għaldaqstant setgħet tinduna b'dak li kien qed jiġri jew li tipprovdi għal ċerti nuqqasijiet tal-ħaddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minħabba familjarita` żejda max-xogħol, li jittraskuraw riskji inerenti fix-xogħol tagħhom[49];

Illi min-naħa l-oħra, l-argument imressaq mill-Freeport fit-Tweġiba Ġuramentata tagħha li l-operatur kien ħaddiem ta' esperjenza u midħla tax-xogħol, u li l-makkinarju provdut kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, mhix difiża tajba biżżejjed biex teħles lill-Freeport mill-ħtieġa li tara li jkun hemm superviżjoni xierqa għaliex ebda taħriġ u ebda twissija minn qabel ma huma biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem bis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila, u li f'kull waqt

[49] App. Ċiv. 15.11.2004 fil-kawża fl-ismijiet Ċini vs. Wells

tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[50];

Illi l-Qorti jidhrilha li l-elementi kollha li għadha kemm semmiet huma biżżejjed biex jagħtuha stampa tajba tal-qagħda li kien hemm fil-madwar x'ħin l-attur għadda minn dak li għadda u min jista' jwieġeb għal dak li seħħ. Minbarra dan, kien jaqa' fuq il-Freeport li turi li, f'dak il-ħin partikolari, l-attur kienet qiegħda ssirlu sorveljanza xierqa[51]. Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli[52]. Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibilta' li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu[53]. F'dan il-każ, jirriżulta wkoll li l-attur kien ilu biss ftit xhur jaħdem bħala ħaddiem każwali mal-Freeport, u żgur ma jistax jingħad li kien trawwem biżżejjed biex seta' jaħdem bla ma jingħata superviżjoni. F'kull każ, il-Freeport ma wrietx x'għamla ta' taħriġ tat lill-attur u x'għamla ta' superviżjoni kienet tħaddem fit-tip ta' xogħol li kien qiegħed jagħmel l-attur u dawk li jitqabbdu jagħmlu xogħol bħal tiegħu;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tasal għall-fehma illi l-Freeport naqset milli żżomm f'kull waqt sistema tajjeb ta' ħarsien tal-ħaddiema tagħha waqt xogħolhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-attur f'dan il-każ. Għaldaqstant l-Freeport trid terfa' r-responsabilta' tagħha għal dak li ġara;

Illi minħabba li l-attur jgħid li f'dak li ġaralu b'xi mod imdaħħal sieħbu li kien qiegħed iħaddem il-krejn li jniżżel il-*container* fuq it-*trailer* tat-trakk, wieħed irid jara jekk ta' dan tridx twieġeb ukoll il-Freeport. Fis-sottomissjonijiet tagħha[54], il-Freeport tgħid li l-operatur tal-krejn kien bniedem ta' esperjenza u, minħabba f'hekk, ma taħti bl-ebda mod għal dak li ġara. Il-Qorti tqis li, minkejja li l-impjegat li kien qiegħed iħaddem il-krejn ma ntweriex li kien persuna mhux ta' ħila, b'danakollu ma jfissirx li l-Freeport tista' tfarfar il-ħtija fuqu[55]. Fl-ewwel lok, l-operatur tal-krejn mhuwiex parti fil-kawża. Fit-tieni lok, l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-premessa li l-Freeport trid twieġeb għal dak li ġaralu l-attur minħabba fin-nuqqasijiet fis-sistema ta' sorveljanza mħaddem minnha fil-post tax-xogħol. F'każ bħal dak, il-prinċipju tal-ħtija fl-għażla ("*culpa in eligendo*")

[50] P.A. TM, 19.5.2005 fil-kawża fl-ismijiet Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd (mhix appellata)
[51] Ara, P.A. NA **29.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***
[52] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe*** (mhix appellata)
[53] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Farruġia vs M.I.M.C.O.L.*** (mhix appellata)
[54] Paġ. 192 tal-proċess
[55] Ara art. 1037 tal-Kap 16

ma jgħoddx[56] u dan aktar u aktar fejn bejn il-persuna mġarrba u min jaħti għall-ħsara kien hemm relazzjoni kuntrattwali mnissla mill-kuntratt tal-impieg[57];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li s-sottomissjonijiet imressqa mill-attur[58] huma tajbin u joqogħdu għall-każ, u sejra taċċettahom;

Illi jmiss li l-Qorti tqis **jekk il-ħtija min-naħa tal-Freeport ikkaġunatx id-dannu attwalment imġarrab mill-attur,** għaliex minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li kkaġunat id-dannu attwalment mġarrab[59]. Dan huwa l-prinċipju tal-kawżalita' bejn l-għemil delittwali u l-effetti li jinstiltu minnu;

Illi l-Qorti għandha quddiemha opinjonijiet u fehmiet mediċi kontrastanti. Il-Freeport tgħid illi ebda wieħed mit-tliet rapporti mediċi ma jgħidu fiż-żgur li d-dannu mġarrab mill-attur kien effett tal-inċident[60]. Minbarra dan, l-ewwel perit mediku maħtur mill-Qorti kien wasal għall-fehma li l-attur ma kien ġarrab l-ebda debilita' li ma tgħaddix[61];

Illi dan huwa minnu, u l-Qorti mhix obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u għandha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li għandu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert maħtur minn Qorti billi l-Qorti m'għandhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Mill-atti joħroġ ċar illi l-mertu ta' din il-kawża huwa wieħed ta' natura medika li ma setax jiġi deċiż mill-Qorti mingħajr l-opinjoni ta' espert in materja. B'danakollu, kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, *"dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika*"[62] u li Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kinetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieg mil-lat tekniku"[63];

---

[56] App. Ċiv. **12.10.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et***
[57] App. Ċiv. **28.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Tatiana Bonniċi et vs Nicholsons The Supermarket Ltd. et***
[58] Paġġ. 181 – 4 tal-proċess
[59] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs. Peter Calleja*** (mhux appellata)
[60] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka f'paġġ. 193 – 4 tal-proċess
[61] Paġġ. 98 sa 102 tal-proċess
[62] App. Ċiv. **19.11.2001** fil-kawża fl-ismijet ***Joseph Calleja noe vs John Mifsud***
[63] App Ċiv. **12.02.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Carlo Fino et vs. Joseph Vella et*** u r-referenzi hemm imsemmija

Illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, u wara li eżaminat b'reqqa l-provi fil-kumpless tagħhom, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rapport tal-Periti Addizzjonali mhux ta' min jiskartah u ta' min joqgħod fuqu. Filwaqt illi l-Qorti tifhem id-dubju illi t-tliet esperti daħlu fih kif spjegaw huma stess fir-relazzjoni tagħhom, b'mod partikolari minħabba l-fatt illi l-attur snin qabel kien involut f'inċident ieħor li ħalla effett fuq saħħtu, mill-mod kif ġara l-inċident, u l-fatt illi l-periti mediċi wkoll tawh il-piż tagħhom u waslu għall-fehma li xorta waħda jaħsbu li s-sintomi li għandu l-attur huma kawża tal-inċident mertu tal-każ, iwassal lil din il-Qorti li tasal għall-fehma li l-ħsara li l-esperti sabu f'saħħet l-attur hija l-effett dirett tal-inċident mertu tal-każ u li r-rabta tal-kawżalita' hija b'hekk stabbilita kif jixraq;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi l-ewwel talba hija tajba u sejra tilqagħha. Bl-istess mod, minħabba l-fehma li l-Qorti waslet għaliha, l-eċċezzjonijiet imqajma mill-Freeport fil-mertu ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tad-danni u tal-kumpens li jistħoqqlu jiġbor l-attur**, jibda biex jingħad li, mill-provi mressqa u mis-sottomissjonijiet magħmula[64], l-attur mhuwiex qiegħed jitlob kumpens għal infieq magħmul minnu minħabba l-inċident (*damnum emergens*) iżda biss għal telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*);

Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diga' minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;

Illi l-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dak il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv*"[65];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in*

[64] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 186 tal-proċess
[65] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-isimijiet ***Joseph Fenech et vs. Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)

*integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[66];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li jħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*[67]";

Illi din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-'*lucrum cessans*' jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[68]. Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita' għall-vitma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansittra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[69];

Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u fl-istess waqt mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment[70]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;

---

[66] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[67] Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64
[68] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs. Conti et*** (kollez. Vol. **XLVIII.i.500**)
[69] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs. Carbone noe*** (kollez, Vol. **LXXXII.ii.242**)
[70] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs. Alfred Scicluna*** (mhux appellata)

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[71]. Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal;

Illi dakinhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu ħamsa u għoxrin (25) sena. L-aħħar dħul tiegħu skond l-FS3 relattiva għas-sena 2010 kien dak ta' wieħed u sebgħin elf, ħamsa u tmenin ewro (€71,085) gross. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' għoxrin elf, mitejn u ħames ewro (€20,205) bħala taxxa tad-dħul, u tlitt elef, erba' mija tnejn u għoxrin ewro (€3,422) bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali. Għaldaqstant, l-ammont nett huwa dak ta' sebgħa u erbgħin elf erba' mija tmienja u ħamsin ewro (€47,458);

Illi l-Qorti tqis li din is-somma għandha tillikwidaha bħala telf attwali tad-dħul għall-finijiet tad-*damnum emergens* kif imfisser aktar qabel bħala "past pecuniary loss". Huwa minnu li l-attur jgħid[72] li d-dħul tiegħu huwa maħsub li jiżdied ma' kull sena tiegħu fl-impieg. Dan urih ukoll bi provi[73] dwar id-dħul tiegħu matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża. Madankollu, il-Qorti tqis li l-fatt li l-attur baqa' u sa issa għadu impjegat tal-Freeport u qiegħed jieħu ż-żidiet li jingħataw lill-impjegati l-oħrajn tagħha, ma jidhrilhiex li għandha tieħu qies ta' dawk iż-żidiet ukoll għall-finijiet tal-kalibrar tal-multiplikand. Minħabba f'hekk, sejra tinqeda b'kejl "ċatt" tal-istess kif imsemmi hawn fuq u fuq id-dħul nett li kien jgħodd għall-każ;

Illi għar-raġunijiet mtennija aktar il-fuq, il-Qorti hija tal-fehma li jmissha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-periti mediċi addizzjonali, u għaldaqstant ser tqis illi l-attur għandu debilita' li ma tgħaddix ta' ħamsa fil-mija (5%);

Illi dwar l-għadd tas-snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, il-Qorti tqis li l-kriterju tal-*multiplier* ma jiħux tabilfors in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-ħajja kollha tax-xogħol tal-persuna mġarrba. F'dan il-każ, illum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant[74], li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[75].

[71] Kemp *op cit.* §§ 3.29 - 3.30 f'paġ. 73
[72] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 186 tal-proċess
[73] Dokti "A1" sa "A4", f'paġġ. 115 sa 121 tal-proċess
[74] App. Ċiv. **3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Żammit***
[75] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)

Madankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-eta' tal-persuna korruta kien qabeż l-eta' tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident[76];

Illi meta tqis iċ-ċirkostanzi tax-xogħol tal-attur u l-aspetti taż-żmien li wieħed normalment idum jaħdem f'dak il-qasam, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak in-nhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' tletin (30) sena[77] bħala kejl xieraq għall-każ li għandha quddiemha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-grad ta' debilita' mġarrab mill-attur, din il-Qorti diġa' qalet li sejra żżomm mal-fehma tal-periti mediċi addizzjonali u tqis li l-attur ġarrab debilita' tal-ħamsa fil-mija (5%);

Illi għal dak li jirrigward t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se jsir ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "lump sum payment"), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[78]. Illi f'dan il-każ, il-Qorti tqis li l-attur fetaħ il-kawża sentejn wara l-inċident, iżda ħa l-ħsieb li l-każ jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien fit-tressiq tal-provi. F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddma li mis-somma mnaqqsa titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[79]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' tnax fil-mija (12%) mis-somma ta' danni likwidata;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*') fis-somma ta' tnejn u sittin elf sitt mija u ħamsa u erbgħin ewro (€62,645)[80];

Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi, u għall-istess raġunijiet mhijiex sejra tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Freeport għaliex mhijiex mistħoqqa:

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[76] Ara, per eżempju, P.A. AJM **4.10.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Smith vs Peter Grech*** (mhix pubblikata) u P.A. AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud***
[77] P.A. LFS **18.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmeline Ċini vs. Antione Cachia*** (mhix appellata)
[78] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annuzjata Caruana vs. Odette Camilleri***
[79] P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe*** fost bosta oħrajn
[80] €47,458 x 0.05 x 30 x 0.88 = € 62,645

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka taħti għall-ġrieħi li ġarrab l-attur fl-inċident li seħħ waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu magħha fit-2 ta' Awwissu, 2007, u għad-debilita' li ma tgħaddix li l-attur għadu jbati minnha minħabba dawk il-ġrieħi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fis-somma ta' tnejn u sittin elf sitt mija u ħamsa u erbgħin ewro (€62,645);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tnejn u sittin elf sitt mija u ħamsa u erbgħin ewro (€62,645) bħala danni likwidati minħabba l-imsemmi inċident, flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** tħallashom il-kumpannija mħarrka

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**30 ta' Ġunju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**30 ta' Ġunju, 2016**